# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2139

Kaz 2719/GBC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Robert Aquilina

u

Camilmac Services Ltd.

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.*

Data : 2 ta' April 2012

**Chairman : George Borg Cardona**

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Rikors prezentat fir-Registru tal-Qorti fl-14 ta' Ottubru 2009

It-Tribunal zamm 9 seduti.

Robert Aquilina, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Joanne Vella Cuschieri u Camilmac Services Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija" kienet rapprezentata minn Ivan Camilleri assistit mill-Avukat Antonio Depasquale.

L-appellant sostna li t-tkeccija ma kienetx gustifikata ghaliex it-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu saret fuq bazi ta' *redundancy* izda l-Kumpanija ma applikatx il-principju ta' *last in first out* kif rikjest mill-ligi. Dan ghaliex impjegati li gew ingaggati warajh inzammu fl-impieg.

Il-Kumpanija qalet li l-impieg ta' l-appellant gie terminat fuq bazi ta' *redundancy* skond il-ligi u li kienet l-intenzjoni taghha li ssejjahlu lura ghall-impieg jekk in-negozju fejn kien impjegat jerga' jibda jopera.

L-appellant kien impjegat fl-1 ta' Dicembru 2007. Mill-lista prezentata mill-ETC ta' dawk li kien ghadhom fl-impieg fis-9 ta'Settembru 2010 jirrezulta li kien hemm hamsa li gew impjegati qablu u sitta li gew impjegati warajh fi gradi kif gej :

| | | |
|---|---|---|
| Brian Vassallo | Gaming Attendant | 03.03.2008 – part-time |
| Isabelle Farrugia | Games Attendant | 07.04.2008 – part-time |
| Angelic Wight | Clerk | 07.04.2008 - full-time |
| Andrew Caruana | Bar Tender | 05.05.2008 – part-time |
| James Borg | Technician | 07.04.2009 - full-time |
| Zsuzsanna Bodor | Customer Care | 15.07.2009 - full-time |

L-appellant kien gie impjegat fl-01.12.2007 bhala Coordinator u gie terminat fil-31.08.2009 f'dan il-grad skond il-lista ta' l-ETC.

Il-Kumpanija qalet li ghalkemm kien gie impjegat bhala Coordinator f'Portside f'tas-Sliema hu gie trasferit ghal Monaco Millions f'San Giljan xi xaghrejn wara bhala Games Room Attendant. Ma jirrezultax li din il-bidla giet registrata mal-ETC izda fic-certifikat ta' temm ta' l-impieg il-Kumpanija ddikjaratu *redundant* bhala Games Room Attendant fuq bazi ta' nuqqas ta' xoghol f'dan il-qasam.

Meta wiehed jezamina l-lista ta' l-ETC jara li minn dawk li baqaw fl-impieg izda gew impjegati wara l-appellant isib li :

a) Wahda kienet clerk, wiehed kien technician u ohra Customer Care Representative.
b) Tnejn kienu Gaming Attendants u wiehed Bar Tender.

It-Tribunal jinnota li fix-xhieda tieghu Ivan Camilleri, direttur tal-Kumpanija, qal li kien gie impjegat hadd iehor f'Portside fil-post ta Coordinator minflok l-appellant izda mhux bhala Games Room Attendant li kien ix-xoghol li fuqu gie trasferit l-appellant.

Ghalhekk il-Kumpanija qed tibbaza l-kaz taghha li l-appellant ma baqax f'xoghol ta' Coordinator izda nghata xoghol ta' Games Room Attendant (ghalkemm din il-bidla ma gietx registrata ma l-ETC) u gie *redundant* fuq tali xoghol.

F'Monaco Millions l-appellant kien jaghmel xoghol ta' Games Room Attendant u Barman. Meta gie terminat l-impieg tieghu baqghu fil-post Brian Vassallo u Isabelle Farrugia bhala Games Room Attendants u Andrew Caruana bhala Barman li gew impjegati warajh ghalkemm fuq bazi part-time.

Ma jirrezultax mix-xhieda li l-Kumpanija offriet ix-xoghol ta' Games Attendant jew ta' Barman lill-appellant fuq bazi part-time minflok xi persuna minn dawk li gew mpjegati warajh.

L-istabbilimenti f’Portside u Monaco Millions ghandhom jitqiesu bhala Kumpanija wahda u kien jixraq li kellha ssirlu l-offerta ta‘ xoghol, anke part-time, galadarba nzamm fl-impieg haddiehor f’Portside li kien impjegat warajh. Il-probabbilta hi li kien jaccetta sa kemm isib xoghol iehor full time.

L-appellant ghamel numru ta xhur minghajr impieg u t-Tribunal jordna li l-Kumpanija ghandha thallas kumpens lill-appellant fl-ammont ta’ € 1500 (elf u hames mitt ewro) fi zmien sitt gimghat mid-data ta’ din id-decizjoni.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit mill-ligi minhabba limitazzjoni ta’ facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghall-finijiet ta’ l-Avviz Legali Numru 48 ta’ l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta’ min assista l-partijiet fl-ammont ta’ € 94 (erbgha u disghajn ewro).

B’hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Iffirmat : George Borg Cardona
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
Ghas-Segretarju

Mary Rose Galea
Segretarja